# QORTI CIVILI (Sezzjoni tal-Familja)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 31 ta' Ottubru 2017**

Rikors Guramentat Nru. 4 / 17RGM

Kawza fil-lista: 10

**A B**
**vs**
**C D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi zzewweg lil C D E fit-8 ta' Marzu 2006 u minn dan iz-zwieg kellhom tifla wahda Emanuela Casey B li se taghlaq ghaxar snin fil-hmistax ta' Frar 2017;

Illi avolja baqghu jghixu taht l-istess saqaf, fil-verita' ilhom minn ftit wara li twieldet binthom ma jghixu flimkien bhala ragel u mara, sal-punt illi mhux talli l-esponent ilu s-snin twal ma jorqod fl-istess kamra ma' l-intimata, izda talli lanqas biss jieklu flimkien, jahslu hwejjighom flimkien ecc. jitkellmu ghan-necessita' pura biss ;

Illi wara dawn is-snin kollha wiehed jista' jikkonkludi li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment;

Illi permezz ta' ittra datata 23 ta' Settembru 2016 l-esponent kiteb lir-Registratur ta' din l-Onorabbli Qorti u talab li jinhatar medjatur, liema medjatur fil-fatt inhatar (Ms Charlene Cachia). L-intimata mhux talli ma dehritx ghaz-zewg

appuntamenti mal-Medjatur, talli meta cemplilha l-avukat sottoskritt ghamlitielu cara li ma kellhomx bzonn l-ebda medjazzjoni u l-ebda proceduri legali ghaliex fil-fatt kienu diga mifrudin minn xulxin;

Illi min-naha tieghu, l-esponent jiddikjara li lest li mill-ftit pensjoni li ghandu, jkompli jmantni lill-intimata li ma tahdimx u li diga zzomm ghaliha c-children's allowance (dejjem b'kundizzjoni li din tibda tghix hawn Malta) kif ukoll lil binthom minuri almenu sakemm din taghlaq it-tmintax-il sena, kif ukoll illi lest li jhallihom ikomplu jabitaw fid-dar matrimonjali (minghajr ma takkwista titolu akbar milli diga ghandha fuq l-istess dar, li nxtrat bi flus li hadem ghalihom hu qabel iz-zwieg);

Illi l-esponent jiddikjara li mhux kuntent bis-sitwazzjoni prezenti u ma jaqbilx ma l-intimata illi l-affarijiet ghandhom jibqghu kif inhuma;

Ghaldaqstant qieghed isir dan ir-rikors sabiex bil-permess tal-Onorabbli Qorti jinbeda l-process legali li jwassal separazzjoni personali u dan skont l-artikolu 66A tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Kodici Civili) u taht kundizzjonijiet gusti (inkluz access ghal bint l-esponenti) li jigu stabbiliti minn din l-Onorabbli Qorti.

Rat in-nota tal-attur ippresentata fit-23 ta' Marzu 2017, li maghha annetta l-affidavit tieghu;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-4 ta' April 2017 fejn l-avukat tal-attrur talab li jemenda t-talbiet attrici minn divorzju ghal separazzjoni personali;

Rat id-digriet tas-27 ta' April 2017 fejn din it-talba giet milqugha;

Rat ix-xhieda tal-Marixxal Marco Bonnici li xehed fis-seduta tal-1 ta' Gunju 2017;

Rat il-verbal registrat fl-istess seduta meta l-attur iddikjara li ma kellhux pretensjoni li jallontana ruhu mid-dar matrimonjali u jiehu lill-minuri mieghu, u l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

**IL-PROVI.**

L-attur fl-affidavit tieghu mahluf fis-16 ta' Marzu 2017, Fol 13, iddikjara li l-konvenuta hi responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg billi wara xi tlett snin li twieldet it-tifla taghhom biddlet l-attitudini taghha lejh u ghalkemm jghixu taht l-istess saqaf, l-anqas jitkellmu, sitwazzjoni li ghalih saret insoppotabbli.

It-tifla taghhom, Emanuela Casey twieldet fiz-zwieg, hu dejjem habbha, mantniha u bi hsiebu jibqa' jmantniha. Hu ddikjara li ma joggezzjonax li t-tifla tibqa' tghix ma' ommha sakemm din tiehu hsiebha u tibqa' tghix f'Malta, purche' hu jkollu access regolari u sufficjenti biex jibqa' parti strumentali f'hajjitha sakemm tikseb l-eta' taghha.

L-attur ikkonferma li hu pensjonant, ghandu pensjoni ta' madwar €550, jghaddi xi €20 jew €30 fil-gimgha lill-konvenuta, u jhallas il-kontijiet kollha tad-dawl, ilma, gass ecc.

Il-konvenuta ma tahdimx, tircevi hi c-Children's Allowance u hu m'ghandux oggezzjoni li jibqa' jsir hekk kemm-il darba hi tibqa' ma tahdimx u tibqa' f'Malta. Id-dar matrimonjali Flat 4, Sacre Coer Apartments, Triq Danny Cremona, Hamrun nxtrat wara z-zwieg pero' bil-flus li hu kien dahhal mill-biegh ta'dar fl-Imsida li hu kien xtara meta kien ghadu guvni.

Hu bi hsiebu jitlaq mid-dar matrimonjali u jmur jghix band'ohra u m'ghandux oggezzjoni li l-konvenuta u binthom jibqghu jghixu fid-dar purche' hu ma jitlef xejn mid-drittijiet tieghu fuq l-istess dar.

Wara z-zwieg kien nxtara garage fl-Imsida pero' bi flus li kien faddal hu meta kien guvni. Ghandhom karozza tal-marka Perodua li nxtrat wara z-zwieg. L-ghamara tad-dar matrimonjali ukoll nxtrat wara z-zwieg u thallset mir-rikavat tal-biegh tad-dar fl-Imsida.

Wara z-zwieg nxtrat dar fi Triq il-Fatati, Hamrun, vicin id-dar matrimonjali, pero' bi flus li selfitu ohtu. Il-hsieb kien li tinbiegh d-dar matrimonjali, jhallas lill-ohtu u jmorru jghixu fid-dar li nxtrat.

L-attur iddikjara li ma ghandux assi parafernali.

Il-Marixxal Marco Bonnici, Fol 25, ikkonferma li fit-8 ta' Mejju 2017 mar biex jinnotifka lill-konvenuta fir-residenza taghha fil-Hamrun. Hu ltaqa' ma' l-attur, isfel, fl-entratura principali tal-block appartamenti u kkonsenjalu l-att u induna li mhux suppost jiehdu hu izda martu. Billi l-appartament taghhom hu fir-raba' sular, l-ewwel tela' l-attur wahdu u peress li l-konvenuta ma accettathiex, tela' l-Marixxal biex jikkonsenja l-att lilha personalment. Hi bdiet tkellmu bl-Ingliz u qaltlu "I don't want it, I don't want it". Ix-xhud gibed l-attenzjoni tal-attur u qallu, li fir-riferta kien ser jghid li l-konvenuta irrifjutat l-att fil-presenza ta' zewgha, l-attur.

Ir-riferta tinsab a Fol 20 a tergo, igib d-data 8 ta’ Mejju 2017 u l-Marixxal fiha ddikjara li sab lill-konvenuta fir-residenza taghha l-Hamrun, li rrifjutat l-att fil-presenza tar-ragel taghha.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

Ir-rikors guramentat gie pprezentat fl-10 ta’ Jannar 2017 u l-attur talab id-divorzju skont l-Artikolu 66A tal-Kodici Civili.

Fis-seduta tal-4 ta' April 2017, l-avukat tal-attur talab li t-talba tal-attur minn wahda ta’ divorzju tigi emendata ghal talba ta’ separazzjoni personali peress li l-partijiet kienu ghadhom jghixu flimkien.

Fl-24 ta’ April 2017, l-attur ipprezenta rikors f’dan is-sens, ‘billi l-hajja flimkien m’ghadhiex aktar possibbli billi z-zwieg tkisser irrimedjabilment’.

B’Digriet tas-27 ta’ April 2017, il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li tigi kkancellata l-kelma ‘divorzju’ fir-rikors guramentat u sostitwita bil-kliem ‘separazzjoni personali’.

Skont l-**Artikolu 40 tal-Kap. 16:**

*Kull wahda mill-persuni mizzewgin flimkien tista’ titlob il-firda minhabba eccessi,mohqrija, theddied jew offizi gravi tal-parti l-ohra kontra l-attur, jew kontra xi wiehed jew iehor mit-tfal tieghu, jew minhabba li l-hajja flimkien ma tkunx ghadha possibbli ghax iz-zwieg ikun tkisser irremedjabbilment:*

*Izda ma tistax tintalab firda minhabba li l-hajja flimkien ma tkunx ghadha possibbli ghax iz-zwieg ikun tkisser irremedjabilment qabel ma jghaddu erba’ snin mid-data taz-zwieg…..*

Fil-kaz in ezami l-partijiet izzewgu fit-8 ta’ Marzu 2006, kellhom tifla fil-15 ta’ Frar 2007, u skont l-attur ftit zmien wara, l-konvenuta l-anqas baqghet tikkommunika mieghu u kienu ‘de facto’ separati ghalkemm jghixu fl-istess dar. Ir-rikors guramentat gie pprezentat fl-10 ta’ Jannar 2017, meta z-zwieg kien ilu snin li tkisser irremedjabilment. Ir-rekwizit li talba fuq din il-premessa tista’ issir erba’ snin wara d-data taz-zwieg tirrizulta soddisfatta.

Il-provi prodotti f’din il-kawza kienu limitati u dwar dan hemm biss l-affidavit tal-attur, u ghan-notifka tal-konvenuta, dwar dan xehed il-Marixxal Marco Bonnici, fis-seduta tal-1 ta’ Gunju 2017. Hu xehed dwar x’kien gara ezatt meta fit-8 ta’ Mejju 2017 mar biex jinnotifika lill-konvenuta fir-residenza taghha f’appartament fi Triq Danny Cremona, Hamrun. L-ewwel ltaqa’ mar-ragel, l-attur u wara

personalment kellem lill-konvenuta li rrifjutat li taccetta l-Att fil-presenza ta’ zewgha u dan gie registrat mill-Marixxal fir-riferta relattiva.

Il-konvenuta ma ipprezentat l-ebda risposta u ma pproduciet l-ebda prova.

In vista tax-xhieda moghtija mill-Marixxal Marco Bonnici l-Qorti qed tikkonsidra li l-konvenuta giet notifikata u li tinsab kontumaci.

Ikkonsidrat;

Kif rajna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali fuq il-kawzali li l-hajja flimkien ma ghadiex aktar possibbli peress li "z-zwieg tkisser irrimedjabbilment."

Fuq tali kawzali ma hux mehtieg li l-Qorti issib il-htija fuq xi hadd mill-partijiet sabiex tippronunzja s-separazzjoni personali.

Tenut kont li l-partijiet ghadhom qed jirrisjedu taht l-istess saqaf, u l-attur qed jitlob dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali u ma qed jitlob xejn aktar, il-Qorti ser tilqa' t-talba attrici u tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet b'dan illi jibqa' rizervat id-dritt tal-attur li jadixxi lill-Qorti fil-futur dwar ix-xoljiment, likwidazzjoni u divizzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

**DECIDE**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-kontumacja tal-konvenuta, tilqa' t-talba attrici u tiddikjara s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet.

Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**